**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**30 ta' Jannar 2020**

**Rikors Numru 72/2019**

**Anthony Rapa u Ray Portelli**

**Vs**

**Awtorita` tad-Djar**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Anthony Rapa u Ray Portelli** ipprezentat fid-29 ta' Lulju 2019 li permezz tieghu ppremettew is-segwenti:-

*"Illi r-rikorrenti jew min minnhom ircevew l-ittra ufficcjali annessa, intavolata fit-8 ta' Lulju 2019.*

*Illi permezz tal-istess, huma gew interpellati sabiex fi zmien tletin (30) jum minn notifika ta' dik l-ittra ufficcjali,jizgumbraw mill-art maghrufa bhala Ex-Military Premises (Rapa Farm), Triq l-Anzjani, Mtarfa billi, fil-fehma tal-Awtorita`, huma jokkupaw din l-art bla titolu validu fil-ligiu, jew jekk l-art kienet okkupata b'mera tolleranza, issa tali tolleranza qed tigi rtirata.*

*Illi din id-decizjoni ghall-izgumbrament tar-rikorrenti hi minghajr ebda bazi legali, u ghal dan il-fini qed tigi ntavolata din il-procedura gudizzjarja li biha qed tigi kontestata u opposta din id-decizjoni ghall-izgumbrament tar-rikorrenti mill-art de quo, ghar-ragunijiet segwenti :*

1. *Illi l-Awtorita tad-Djar fl-ewwel lok trid tressaq prova dwar l-intitolament legali li tippretendi li ghandha biex ressqet l-ittra ufficcjali tat-8 ta' Lulju 2019 u d-decizjoni ghall-izgumbrament hemm kontenuta.*

2. *Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, ir-rikorrenti kellhom il-pussess tal-art in kwistjoni ghalperjodu trentennali minghajr interruzzjoni, liema pussess kien animo domini, kontinwu, pacifiku, pubbliku u mhux ekwivoku .Ghalhekk akkwistaw l-art in kwistjoni bil-preskrizzjoni akkwizitiva trigenarja ossia tramite l-uzukapjoni.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi dan it-Tribunal joghgbu jiddikjarali d-deċiżjoni tal-iżgumbrament hija waħda mingħajr bażi legali u ghaldaqstant ihassar tali decizjoni mehuda mill-Awtorita` tad-Djar, dan kollu that kull provvediment xieraq u opportune li joghgbu jaghti dan it-Tribunal."*

Ra r-risposta **tal-Awtorita` tad-Djar** datata 8 ta' Awwissu 2019 li permezz taghha eccepiet is-segwenti:-

*"*

1. *Illi bir-rikors taghhom ir-rikorrenti qeghdin jammettu li ma ghandhom ebda titolu biex jokkupaw din il-propjeta li qed tigi indikata fil-pjanta annessa bhala Dok A u li hi murija fir-ritratt anness bhala Dok B;*

2. *Illi l-Awtorita' tad-Djar hi propjetarja tal-art u immobbli mertu tal-ittra ufficjali a bazi ta' Avviz legali 199/1990 - anness bhala Dok C;*

3. *Illi intant ma jista jkun hemm ebda preskrizzjoni kontra il-Gvern :*

*Art 2115(2) tal-Kap 16 (2) "Iżda, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma tistax tingħata kontra jeddijiet u azzjonijiet li jmissu lill-Gvern ta' Malta, ħlief fil-każijiet imsemmijin fl-artikoli 2149, 2153, 2154, 2155 u 2156."*

4. *Illi intant ebda wiehed mir-rikorrenti qatt ma zamm l-immobbli daqs li kieku kienet tieghu u dan kif ser jirrizulta mill-provi. Filfatt kif juri id-Dokument anness bhala Dok D l-art kienet ghand ir-rikorrent Anthony Rapa b'mera tolleranza bid-dritt tal-Awtorita li tehodha lura meta trid hi. Mario Spiteri imsemmi ukoll fl-iskrittura ma baqax interessat jew jokkupa l-art. Ukoll jinghad li ebda wiehed mir-rikorrenti ma jista' jippreskrivi. Ara is-segwenti Artikolu:*

*Art 2118. "Dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor jew il-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infishom: bħal ma huma l-kerrejja, id-depożitarji, l-użufruttwarji, u, ġeneralment, dawk li ma jżommux il-ħaġa bħala tagħhom infishom."*

5. *Inoltre :*

*2121. (1) "Ħadd ma jista' jippreskrivi kontra t-titolu tiegħu nnifsu fis-sens li ħadd ma jista' jbiddel għalih innifsu r-raġuni li għaliha jkun iżomm il-ħaġa."*

*U ghalhekk la ir-rikorrenti qatt ma zammew l-oggett daqslikeku kien taghhom ma jistghux issa jipprovaw jestorcu din il-propjeta' u jaghmluha taghhom.*

6. *Illi ir-rikorrenti b' dan ir-rikors qed jippruvaw jisirqu art pubblika.*

7. *Illi in vista tal-eccezzjonijiet sottomessi f'din ir-risposta it-talba tar-rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti u b' riserva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lill-Awtorita' tad-Djar kontra l-istess rikorrenti."*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti kollha pprezentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti hassewhom aggravati b'decizjoni kif kontenuta f'ittra ufficjali datata 8 ta' Lulju 2019 li permezz taghha gew ordnati jizgumbraw mill-art maghrufa bhala Ex-Military Premises (Rapa Farm), Triq l-Anzjani, Mtarfa u kif indikata bil-blu fil-pjanta annessa mal-istess ittra ufficjali u dan fi zmien tletin (30) gurnata min-notifika tal-istess ittra ufficjali u dana peress li:-

1. kienu qeghdin jokkupawha/jew min minnhom minghajr ebda titolu validu fil-ligi u, jew
2. jekk l-art kienet okkupata b'mera tolleranza, issa tali tolleranza giet irtirata.

Illi fir-rikors promutur taghhom ir-rikorrent ssottomettew illi l-Awtorita` intimata triq tressaq prova dwar it-titolu taghha. Illi mar-risposta taghha, l-Awtorita` intimata esebiet l-Avviz Legali 199 tal-1990 permezz ta' liema l-imsemmija proprjeta giet trasferita lilha. Illi l-provenjenza tal-art giet ukoll konfermata bil-gurament minn Carmelo Vella, Kap Ezekuttiv tal-Management u Estate Data fi hdan l-istess Awtorita`. Illi min-naha l-ohra, fil-mori ma jirrizultax illi saret xi kontestazzjoni da parti tar-rikorrenti illi din l-art fil-fatt ma hiex dik indikata fis-*site plan* annessa mal-istess avviz legali.[1] Illi it-Tribunal jirrileva wkoll illi l-istess rikorrent Anthony Rapa u certu Mario Spiteri, fit-2 ta' Frar 2005 kienu ffirmaw dikjarazzjoni fuq *letterhead* tal-Awtorita` intimata, liema dokument gie pprezentat mill-Awtorita` intimat u bl-ebda mod ma gie kontestat b'xi provi ohra, fejn iddikjaraw illi l-art in kwistjoni hija proprjeta tal-Awtorita` tad-Djar u li huma qeghdin jokkupawha b'mera tolleranza. Huma ddikjaraw ukoll illi l-Awtorita` intimata meta trid hi tuza l-istess proprjeta` anke minghajr ma taghtihom avviz minn qabel.[2] Ghalhekk huwa ben car illi r-rikorrent Rapa sa minn zmien ilu rrikonoxxa lill-Awtorita` intimata bhala s-sid tal-art in kwistjoni.

Sorvolata l-kwistjoni tat-titolu, issa t-Tribunal se jinvesti l-kwistjoni tal-akkwist tal-art in kwisjtoni bil-preskrizzjoni akwizittiva trentennali.

Illi fl-affidavit tieghu Anthony Rapa jallega illi snin ilu l-art in kwistjoni kienet fi stat ta' abbandun u ghalhekk hu naddafha a spejjez tieghu u beda jokkupaha bhala

[1] A fol. 12
[2] A fol. 14

residenza bir-razzett maghha. Jispjega li fl-2005 kien mar ragel jiehu r-ritratti tal-proprjeta` in kwisjtoni u huwa oggezzjona. Xi ftit wara huwa rcieva ittra biex imur ghand l-Awtorita` intimata biex imur ikellimhom fejn spjegawlu li l-art kienet tal-Awtorita` u li pero` ma kellhomx hsieb li johorguh minn hemm. Imbaghad jispjega li talbuh jiffirma karta sabiex hadd ma jaqalghu mill-istess proprjeta`. Jispjega li hu ma jafx jaqra u li kopja ta' dak li ffirma ma nghatax. Jispjega li meta mbaghad ircieva l-ittra ufficjali huwa hassu mqarraq.

Illi ghalhekk ir-rikorrent Rapa jsostni li huwa gie zgwidat meta iffirma l-imsemmija dikjarazzjoni. It-Tribunal ma jhossx illi din il-verzjoni ghandha mis-sewwa u dan ghaliex l-Awtorita` ma kellhiex ghalfejn tizgwida lil Rapa ghaliex, f'dak iz-zmien, hija kellha kull dritt li tiehu l-art lura. Pjuttost flok ipprocediet bl-izgumbrament hija accettat li Rapa jibqa' jokkupa l-art b'mera tolleranza. Dan certament ma jaghtih l-ebda dritt li abbazi tieghu jista' jeccepixxi xi titolu ta' uzukapjoni. Iktar u iktar stante li hawn si tratta ta' art pubblika u kwindi qatt ma tista' tigi eccepita l-preskrizzjoni fil-konfront tal-Gvern hlief ghal xi eccezzjonijiet li ma huwiex il-kaz fil-kwistjoni odjerna.

Illi fir-rigward tar-rikorrenti l-iehor Ray Portelli, ma giet esebita l-ebda prova illi huwa ghandu xi titolu fuq l-istess art. Mill-*affidavit* ta' Ronald Iles, ufficjal tal-Awtorita` intimata, jirrizulta illi meta ghamlu spezzjoni fl-art in kwisjtoni f'Gunju 2019 sabu li l-art kienet giet konvertita f'razzett pero` ma sabux lil Anthony Rapa fuq il-post u ghalhekk hallewlu risposta ma' ragel anzjan li sabu fuq il-post. Sussegwentement kienu gew infurmati li Rapa kien fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u li kellhom jikkuntattjaw lil certu Ray Portelli, li kien is-sieheb tieghu fuq dan il-farm. Fil-fatt Portelli gie kkuntattjat u qalilhom li kienu se jikkoperaw, pero` xi jiem wara biddel il-fehma u qalilhom li ma kinux lesti li johorgu mill-post. Illi da parti tar-rikorrenti ma ngabet l-ebda prova illi Portelli ghandu xi titolu fuq l-imsemmija art.

Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma, illi ghalkemm fl-2005 l-Awtorita` intimata kienet ikkoncediet lil Anthony Rapa u lil terz sabiex jokkupaw l-art b'mera tolleranza, dan ovvjament ma tahom l-ebda dritt la li jaghmlu tibdiliet fiha u wisq inqas li jarrogaw fuqhom innifishom xi titolu reali jew mod iehor fuq l-istess art. Illi fil-konfront ta' Portelli ma tezisti l-ebda prova illi b'xi mod dan it-Tribunal jista' li jikkoncedi illi l-istess igawdi xi titoli fuq l-imsemmija art.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiccensura mid-decizjoni appellata kif kontenuta fl-ittra ufficjali numru 2545/19 ipprezentata fit-8 ta' Lulju 2019 u jikkonfermaha fl-intier taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, qieghed jichad l-appell tar-rikorrenti u jilqa' r-risposta tal-Awtorita` intimata u ghaldaqstant jikkonferma l-kontenut tal-ittra ufficjali numru 2545/19 datata 8 ta' Lulju 2019 u li kopja taghha tinsab esebita a fol. 3 tal-process, u ai termini tal-artikolu 16 (2) tal-Kapitolu 573 tal-Ligijiet ta' Malta jipprefiggi terminu ta' disghin (90) gurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex ir-rikorrenti jizgombraw u jnehhu kull oggett mobbli appartenenti lilhom mill-art maghrufa bhala Ex-Military Premises (Rapa Farm), Triq l-Anzjani, Mtarfa kif indikata bil-blu fil-pjanta esebita a fol. 12 tal-process.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**